Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0089

Talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Nikos Pappas

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta’ Marzu 2026 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta’ Nikos Pappas (2025/2194(IMM))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta’ Nikos Pappas, li waslet permezz ta’ ittra bid-data tal-10 ta’ Settembru 2025 mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tal-Qorti Suprema tar-Repubblika Ellenika, u li tittrażmetti talba mill-Prosekutur fil-Qorti tal-Prim’ Istanza ta’ Ateni b’rabta mal-proċedimenti kriminali li se jinbdew kontrih u li kienu mħabbra fil-Parlament fis-6 ta’ Ottubru 2025,

– wara li sema’ lil Nikos Pappas fit 28 ta’ Jannar 2026, skont l-Artikolu 9(6) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-20 ta’ Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b’vot universali dirett,

– wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-21 ta’ Ottubru 2008, fid-19 ta’ Marzu 2010, fis-6 ta’ Settembru 2011, fis-17 ta’ Jannar 2013 u fid-19 ta’ Diċembru 2019[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 9 tar-

[1] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta’ Ottubru 2008, *Marra* vs *De Gregorio u Clemente*, C-200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta’ Marzu 2010, *Gollnisch* vs *Il-Parlament*, T-42/06, ECLI:EU:T:2010:102; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta’ Settembru 2011, *Patriciello*, C-163/10, ECLI:EU:C:2011:543; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta’ Jannar 2013, *Gollnisch* vs *Il-Parlament*, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta’ Diċembru 2019, *Junqueras Vies*, C-502/19, ECLI:EU:C:2019:1115.

Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A10-0077/2026),

A. billi, permezz ta’ ittra bid-data tal-10 ta’ Settembru 2025, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tal-Qorti Suprema tar-Repubblika Ellenika ttrażmetta talba mill-Prosekutur tal-Qorti tal-Prim’ Istanza ta’ Ateni biex titneħħa l-immunità ta’ Nikos Pappas, Membru tal-Parlament Ewropew elett fir-Repubblika Ellenika, b’rabta ma’ allegati atti ta’ malafama u insult, li jikkostitwixxu reati skont l-Artikolu 361(1) u l-Artikolu 363 tal-Kodiċi Kriminali Grieg – atti kriminali li jwasslu għal reat;

B. billi, skont it-talba, l-ilment jindika li fil-kuntest ta’ intervista għal show online, Nikos Pappas allegatament għamel, quddiem partijiet terzi, dikjarazzjonijiet foloz u malafamanti dwar ġurnalist, u insulta l-unur tiegħu apposta; billi huwa allegat li Nikos Pappas wettaq dawn ir-reati f’Ateni fl-20 ta’ Marzu 2024;

C. billi Nikos Pappas ġie elett fil-Parlament Ewropew fl-elezzjonijiet Ewropej ta’ Ġunju 2024 u ma kienx Membru tal-Parlament Ewropew fiż-żmien tal-allegati reati; billi l-ilment kontrih imur lura għall-10 ta’ Ġunju 2024;

D. billi l-allegat reat u t-talba sussegwenti għat-tneħħija tal-immunità ta’ Nikos Pappas ma jikkostitwux u mhumiex relatati ma’ opinjoni espressa jew ma’ vot mitfugħ minnu fil-qadi ta’ dmirijietu skont it-tifsira tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea;

E. billi l-Artikolu 9, l-ewwel paragrafu, il-punt (a), tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li, waqt is-sessjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom igawdu, fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lil membri tal-parlament tal-Istat Membru tagħhom;

F. billi, skont l-Artikolu 62 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Ellenika, l-ebda Membru Parlamentari ma jista’, matul il-mandat tiegħu, jiġi mħarrek, arrestat, inkarċerat jew soġġett għal miżuri oħra li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Kamra tad-Deputati;

G. billi l-għan tal-immunità prevista fil-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea huwa li tipproteġi lill-Parlament u lill-Membri tiegħu minn proċedimenti ġudizzjarji fir-rigward ta’ attivitajiet imwettqa fil-qadi tad-dmirijiet parlamentari u li huma inseparabbli minn dawk id-dmirijiet;

H. billi, skont l-Artikolu 5(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu, l-immunità parlamentari mhix privileġġ personali ta’ Membru imma garanzija

tal-indipendenza tal-Parlament kollu kemm hu u tal-Membri tiegħu;

I. billi, f'dan il-każ, il-Parlament ma sab l-ebda evidenza ta' *fumus persecutionis*, jiġifieri elementi fattwali li jindikaw li l-proċedimenti ġudizzjarji sottostanti inkwistjoni kellhom l-intenzjoni li jimminaw l-attività politika tal-Membru bħala Membru tal-Parlament Ewropew;

J. billi, minn naħa, il-Parlament ma jistax jitqies bħala qorti u, min-naħa l-oħra, il-Membru ma jistax, fil-kuntest ta' proċedura għat-tneħħija tal-immunità, jitqies bħala "akkużat"[2];

1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta' Nikos Pappas;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtorità kompetenti tar-Repubblika Ellenika u lil Nikos Pappas.

---

[2] Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' April 2019, *Briois* vs *Il-Parlament*, T-214/18, ECLI:EU:T:2019:266, paragrafu 91.